31999R1922

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1922/1999
tat-8 ta' Settembru 1999
li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 rigward il-kondizzjonijiet li bastimenti li jaqbżu t-tul totali ta' tmien metri għandu jissodisfaw sabiex jingħatalhom il-permess li jużaw xbieki tat-tkaxkir bit-travu f'ċerti ibħra tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni taż-żagħżagħ ta' organiżmi tal-baħar [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1459/1999 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 29(6) tiegħu,

(1) Billi l-Artikolu 29(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 jipprovdi illi tiġi stabbilita kategorija ta' bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu illi jaqbżu t-tul totali ta' tmien metri awtorizzati li jistadu ġewwa ż-żoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 29 imsemmi billi jużaw xbieki tat-tkaxkir bit-travu li t-tul aggregat tat-travu tagħhom ma jaqbiżx id-disa' metri;

(2) Billi din il-kategorija ta' bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu għandha tikkonsisti f'dawk il-bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu illi, fid-data li minnha jibdew japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jikkonformaw mal-kriterji elenkati fl-Artikolu 29(2)(a) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 850/98, u mal-ħteġijiet tekniċi għall-aċċess għaż-żoni msemmija kif stabbilit bil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru tal-bandiera tagħhom;

(3) Billi l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 jipprovdi illi tiġi mwaqqfa kategorija ta' bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu li jaqbżu t-tul totali ta' tmien metri awtorizzati li joperaw b'daqs ta' malji tax-xbiek bejn it-80 u d-99 millimetru bl-użu ta' xbiek tat-tkaxkir bit-travu li t-tul aggregat tat-travu tagħhom jaqbeż id-disa' metri;

(4) Billi din il-kategorija ta' bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu għandha tikkonsisti f'dawk il-bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu illi jappartjienu għall-kategorija ta' bastimenti tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu provduta fl-Artikolu 29(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 850/98, u li l-attivita ewlenija tagħhom hija s-sajd għall-gamblu komuni;

(5) Billi huwa meħtieġ illi jiġu definiti l-kriterji biex jiġi determinat jekk l-attivita ewlenija ta' bastiment tas-sajd tat-tkaxkir bit-travu huwiex is-sajd għall-gamblu komuni;

(6) Billi huwa għalhekk meħtieġ illi jiġu preskritti regoli dettaljati dwar il-proċeduri li jirregolaw it-twaqqif u l-modifiki tal-listi ta' bastimenti li jappartjenu għall-kategoriji msemmija hawn fuq;

(7) Billi huwa meħtieġ illi l-effikaċja tal-kondizzjonijiet definiti f'dan ir-Regolament tiġi evalwata xjentifikament fuq bażi regolari;

(8) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 55/87 [3], kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 1999/202/KE [4], u r-Regolment tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3554/90 [5], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3407/93 [6], għandhom għalhekk jiġu mħassra;

(9) Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura illi l-qawwa totali tal-magna attwali għall-bastimenti tas-sajd tiegħu awtorizzati bis-saħħa ta' l-Artikolu 29(2)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 illi jużaw xbieki tat-tkaxkir bit-travu ġewwa l-erja riferita fl-Artikolu 29(1) ta' dan ir-Regolament f'kwalunkwe ħin ma taqbiżx il-limitu għal dan l-Istat Membru kif mogħti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

2. Kull Stat Membru għandu jindika definittivament lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Frar 2001 il-limitu tal-qawwa totali tal-magna riferita fil-paragrafu 1 għall-bastimenti li attwalment kienu jeżistu fl-1 ta' Jannar 2001.

Il-Kummissjoni għandha teżamina t-tagħrif provvdut mill-Istat Membru, tivverifika jekk hux bi qbil mat-tagħrif misjub fid-*database* tal-Kummissjoni nfisha, u tinforma lill-Istat Membru f'perjodu taż-żmien li ma jaqbiżx l-għaxart ijiem tax-xogħol dwar dak li tkun sabet.

TITOLU I
Kondizzjonijiet għas-sajd bix-xbieki tat-tkaxkir bit-travu b'tul aggregat tat-travu li ma jaqbiżx id-disa' metri

Artikolu 2

Kull Stat Membru għandu jistabilixxi lista illi tindika l-bastimenti tas-sajd illi:

— huma awtorizzati illi jużaw xbieki tat-tkaxkir bit-travu fl-erja riferita fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 f'nofs il-lejl tal-31 ta' Diċembru 1999, u

— jikkonformaw mal-ħteijiet tekniċi stabbiliti bil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru illi l-bandiera tiegħu jtajru u li fih huma reġistrati sabiex jistadu bi xbieki tat-tkaxkir bit-travu f'din l-erja.

[1] ĠU L 125, tas-27.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 168, tat-3.7.1999, p. 1.
[3] ĠU L 8, tal-10.1.1987, p. 1.
[4] ĠU L 70, tas-17.3.1999, p. 20.
[5] ĠU L 346, tal-11.12.1990, p. 11.
[6] ĠU L 310, ta' l-14.12.1993, p. 19.

Artikolu 3

Il-lista għandha turi dawk il-bastimenti tas-sajd li għalihom ikun inħareġ permess speċjali tas-sajd skond l-Artikolu 29(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 850/98. Din il-lista għandha titfassal b'konformita ma' l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2943/95 [1]. Il-lista definittiva għandha tiġi provduta lill-Kummissjoni mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2000. Għandha partikolarment turi għal kull bastiment tas-sajd in-numru intern tiegħu fir-Reġistru tal-Flotta u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju.

Artikolu 4

1. Meta bastiment tas-sajd fil-lista jiġi mibdul b'bastiment ieħor tas-sajd jew bastimenti oħra tas-sajd skond l-Artikolu 29(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 850/98:

— il-permess speċjali tas-sajd maħruġ lill-bastiment tas-sajd illi jkun sejjer jiġi mibdul għandu jiġi rtirat mingħajr dewmien mill-Istat Membru, u

— permess speċjali ġdid tas-sajd jew permessi għandu jinħareġ, mill-Istat Membru lill-bastiment tas-sajd jew bastimenti tas-sajd li jirrimpjazzaw qabel ma dan il-bastiment tas-sajd jew dawn il-bastimenti tas-sajd jitfgħu kull tip ta' xibka tat-tkaxkir bit-travu fl-erja riferita fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

2. Meta tiġi mibdula l-magna ta' bastiment tas-sajd skond l-Artikolu 29(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 850/98:

— il-permess speċjali tas-sajd maħruġ lill-bastiment tas-sajd illi jkun sejjer jibdel il-magna tiegħu għandu jiġi rtirat mill-Istat Membru hekk kif isseħħ din l-bidla, u

— għandu jinħareġ permess speċjali ġdid tas-sajd mill-Istat Membru lil dan il-bastiment tas-sajd hekk kif tinbidel il-magna tiegħu u qabel ma l-bastiment tas-sajd jitfa' xikba tat-tkaxkir bit-travu ġewwa l-erja riferita fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

TITOLU II

Kondizzjonijiet g]as-sajd bi xbieki tat-tkaxkir bit-travu ta' tul aggregat tat-travu li jaqbeż id-disa' metri meta jopera b'tagħmir illi jkollu d-daqs tal-malji tax-xibka ta' bejn it-80 u d-99 millimetru

Artikolu 5

Kull Stat Membru għandu jistabilixxi kull sena lista li tindika dawk il-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista riferita fl-Artikolu 2 illi l-attivita ewlenija tagħhom hija s-sajd tal-gamblu komuni. Għal kull bastiment tas-sajd minn dawn, il-kriterji sabiex jiġu inklużi f'din il-lista għandhom ikunu illi matul is-sena kalendarja ta' qabel is-sena li fiha ser tiġi stabbilita l-lista:

— l-introjtu li jagħmel il-bastiment tas-sajd mill-bejgħ tal-gamblu komuni, kalkolat bħala proporzjon tat-total tal-bejgħ minn ras il-għajn ġenerat mill-bastiment tas-sajd, jikkostitwixxi 50 % jew iktar mil-qligħ tiegħu, jew

— it-tniżżil l-art totali tal-bastiment tas-sajd jinkludi 50 % jew iktar bl'użin ta' gamblu komuni.

Madankollu, meta tkun qiegħda tiġi stabbilita l-lista li għandha tapplika għas-sena 2000, kull Stat Membru jista' jinkludi bastimenti fuq il-bażi tad-data rilevanti kemm għas-sena 1998 u kemm għas-sena 1999.

Artikolu 6

Il-lista għandha turi dawk il-bastimenti tas-sajd illi għalihom ikun inħareġ permess addizzjonali speċjali tas-sajd skond l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98. Din il-lista għandha titfassal għas-sena 2000 b'konformita ma' l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nri 2943/95. Il-lista definittiva għas-sena 2000 għandha tiġi provduta lill-Kummisjoni mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2000. Għandha tindika partikolarment għal kull bastiment tas-sajd in-numru intern tiegħu fir-Reġistru tal-Flotta u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju.

Artikolu 7

1. Ir-reviżjoni annwali tal-permess addizzjonali speċjali tas-sajd riferit fl-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 għandha tiġi mitmuma mill-Istat Membru interessat qabel il-15 ta' April. Permezz ta' din l-eżami mill-ġdid l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-bastiment tas-sajd li jkun inħariġlu dan il-permess addizzjonali għadux jikkonforma mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament. Kull bastiment tas-sajd illi fuq il-bażi ta' din ir-reviżjoni jinstab illi ma jikkonformax ma' dawn il-kriterji għandu jkollu l-permess addizzjonali speċjali rtirat permanentement mhux iktar tard mill-1 ta' Mejju ta' l-istess sena, minbarra l-bastimenti tas-sajd li ma jkunux qegħdin jikkonformaw għal raġunijiet ta' forza maġġuri.

2. Kull bastiment tas-sajd illi jinstab mill-awtoritajiet kompetenti illi f'xi ħin ma jikkonformax mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 u l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament għandu jkollu l-permess addizzjonali speċjali rtitat permanentement mingħajr dewmien mill-Istat Membru illi tiegħu l-bastiment tas-sajd itajjar il-bandiera.

Artikolu 8

Meta bastiment jew bastimenti tas-sajd imniżżla fil-lista riferita fl-Artikolu 5 jiġu mibdula b'bastiment ieħor tas-sajd skond l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/98:

— il-permess jew permessi addizjonali speċjali tas-sajd maħruġa lill-bastiment jew bastimenti tas-sajd li jkunu sejrin jinbidlu għandhom jiġu rtirati fil-pront mill-Istat Membru hekk kif isir dan il-bdil, u

— għandu jinħareġ permess addizzjonali speċjali ġdid tas-sajd mill-Istat Membru għall-bastiment tas-sajd li jeħodlu postu qabel dan il-bastiment tas-sajd jitfa' x-xbieki tat-tkaxkir bit-travu ġewwa l-erja riferita fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 850/98.

[1] ĠU L 308, tal-21.12.1995, p. 15.

TITOLU III

Disposizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 9

1. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull bidla f'kwalunkwe waħda mil-listi tagħhom. Stati Membri għandhom jindikaw speċifikament il-bastimenti tas-sajd illi jkunu qegħdin jiġu miżjuda jew irtirati mil-lista, kif ukoll kull permess speċjali tas-sajd jew permess addizzjonali speċjali tas-sajd illi jiġi rtirat jew kull permess speċjali ġdid jew permess addizzjonali ġdid tas-sajd maħruġa.

2. Meta lista tiġi approvata mill-Kummissjoni b'konformita ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 [1], l-Istat Membru għandu jipprovdi din il-lista lill-Istati Membri l-oħra kollha msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament mingħajr dewmien. B'żieda ma' dan, Stat Membru għandu mingħajr dewmien jgħarraf lill dawn l-Istati Membri b'kull bdil fil-listi tiegħu.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw sabiex jipprovdu kull sena evalwazzjoni xjentifika ta' l-effetti tal-kondizzjonijiet definiti f'dan ir-Regolament. Mis-sena 2001, din l-evalwazzjoni għandha tkun disponibbli kull sena għall-Kummissjoni.

Artikolu 11

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 55/87 u (KEE) No 3554/90 għandhom jiġu mħassra.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Gurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' April 2000, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 1, 2, 3, 5 u 6 li għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Settembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 171, tas-6.7.1994, p. 7.

ANNESS

Il-massimu tal-qawwa totali tal-magni ta' opri tal-baħar għas-sajd skond l-Artiklu 29 (2)(a), (b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 850/98 biex jintużaw beam trawls fiż-żona riferita fl-Artiklu 29 (1) ta l-istess Regolament

Il-Belġju	16 931 kW
Id-Danimarka	5 556 kW
Il-Germanja	53 552 kW
Franza	564 kW
L-Olanda	51 487 kW
Ir-Renju Unit	5 705 kW